**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Mejju 2019**

Numru 1

**Rikors Nru. 63/2019**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Pia Zammit u Emanuel Delia f'isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**vs**

**L-Onor Prim Ministru u L-Onor Ministru ghall-Gustizzja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-assocjazzjoni rikorrenti tal-25 ta' April 2019 li jghid hekk:

Illi bis-sistema ta' hatriet fil-gudikatura, li tiddependi fuq il-kunsens ahhari tal-Prim Ministru, Malta qed tikser l-obbligi taghha taht il-provvedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll illi l-istess sistema qed tikser il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi s-sistema ta' ghazla ghall-hatriet fil-gudikatura f'Malta tistrieh fuq id-diskrezzjoni assoluta tal-Prim Ministru kemm ghal dawk li huma hatriet godda minn barra ta' Imhallfin u Magistrati kif ukoll ghal dawk li huma hatriet ta' Magistrati ghall-bank ta' Imhallfin;

Illi ghalkemm is-sistema ta' hatriet fil-gudikatura eiet riveduta permezz ta' riformi li ghaddew fl-2016, l-awtorita' effettiva dwar kull hatra fil-gudikatura xorta baqghet f'idejn il-Prim Ministru, kif kienet qabel;

Illi fis-17 ta' Dicembru 2018 il-Kummissjoni Venezja tar-Kunsill tal-Ewropa ippublikat rapport illi fih ikkonkludiet illi minkejja r-riformi tal-2016, is-sistema ta' hatriet fil-

Gudikatura f'Malta ma tissalvagwardjax l-indipendenza tal-Gudikatura filwaqt li fasslet ir-Rakkomondazzjonijiet taghha biex jigu implimentati f'Malta mizuri ghat-tishih tad-demokrazija rigwardanti fost affarijiet ohra l-hatra ta' Gudikanti sija fil-Qrati Superjuri kif ukoll fil-Q01ti tal-Maéistrati u dan biex l-indipendenza talGudikatura tkun imharsa filwaqt li s-separazzjoni tal-poteri tal-iStat tkun effettiva;

Illi permezz tar-rapport pubblikat fis-17 ta' Dicembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ghad-Demokrazija Permezz tal-Ligi ("Kummissjoni Venezja") qalet car u tond illi "the constitutional amendments of 2016, which introduced the JAC, were a step in the right direction, but fall short of ensuring judicial independence. Further steps are required. The principle of independence of the judiciary requires that the selection of judges and magistrates be made upon merit and any undue political influence should be excluded.";

Illi l-Kummissjoni Venezja tosserva bl-aktar mod kategoriku li "The Prime Minister should not have the power to influence the appointment of Justices and Judges-Magistrates. This would open the door to potential political influence, which is not compatible with modern notions of independence of thejudiciary."

Illi s-separazzjoni tal-poteri tal-iStat hija l-bazi tad-demokrazija u tas-salvagwardja tal-Kostituzzjoni taghna u ghalhekk huwa insitu li r-Rakkomondazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja ghandhom jigu implimentati minnufih qabel mal-intimati jinnominaw iktar membri tal-Gudikatura b'aktar intralc tas-separazzjoni tal-poteri tal-iStat u tal-indipendenza tal-Gudikatura;

Illi minn Marzu tal-2013 sal-lum, il-Gvern pretenti diga wettaq bosta hatriet fil-gudikatura li wasslu ghad-dubju espress mill-Kummissjoni Venezja;

Illi jirrizulta illi mill-2013 'l hawn il-membri tal-Gudikatura sija fil-Qrati Superjuri kif ukoll fil-Qrati tal-Magistrati kienu fil-maggoranza assoluta taghhom funzjonarji tal-Partit Laburista jew persuni konnessi sew mal-istess partit;

Illi attwalment u aktar u aktar fil-futur imminenti huma mistennija li jkun hemm numru ta' vakanzi fil-gudikatura u konsegwentement numru ta' hatriet taht is-sistema attwali bi ksur tal-artikli citati aktar 'il fuq;

Illi kemm il-Prim Ministru kif ukoll il-Ministru tal-Gustizzja, b'dikjarazzjonijiet pubblici li ghamlu minn dakinhar 'l hawn stqarrew li ser jimplimentaw dawn ir-rakkomondazzjonijiet ghat-tishih tal-Indipendenza tal-Gudikatura u s-separazzjoni tal-poteri tal-iStat;

Illi minkejja dawn id-dikjarazzjionijiet, l-intimati ghamluha cara wkoll li mhux behsiebhom jattwaw ir-rakkomondazzjonijiet tal-Kummisjoni Venezja qabel ma jaghmlu l-hariet fil-gudikatura li mistennija jirrizultaw fil-futur qrib;

Illi din l-intenzjoni li jissuktaw il-hatriet tohrog cara kemm minn dikjarazzjonijiet tal-Prim Ministru kif ukoll tal-Ministru tal-Gustizzja gewwa u barra l-Parlament, kif ukoll minn numru ta' rapporti fil-media li jindikaw il-hatra imminenti ta' numru ta' Magistrati bhala Imhallfin u ta' persuni minn barra l-gudikatura bhala Magistrati, liema individwi gew sahansitra identifikati;

Illi dawn il-hatriet se jsiru minkejja s-sejba mill-Kummissjoni Venezja li d-demokrazija taghna u l-indipendenza tal-Gudikatura huma mankanti;

Illi kull hatra gdida li ssir qabel ma tigi riformata s-sistema ta' hatriet fil-gudikatura skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja tkun kontra l-ispirtu u l-kelma tal-istess rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja u tkompli taghmel is-sitwazzjoni mankanti sahansitra aghar;

Illi kull hatra gdida li ssir qabel ma tigi riformata s-sistema ta' hatriet fil-gudikatura skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummssjoni Venezja tkun qed issir ukoll bi ksur tal-provvedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll illi l-istess sistema qed tikser il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi in vista tas-suespost, is-salvagwardji tal-indipendenza tal-gudikatura ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma imminati u dan jaghti lok ghal incertezza legali kif ukoll ixekkel il-funzjonament adegwat tal-ordni legali tal-Unjoni Ewropea;

Illi l-indipendenza tal-gudikatura hija essenzjali sabiex jithares id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq, li huwa dritt kardinali mehtieg sabiex jigi zgurat li d-drittijiet kollha tal-persuni emanenti mil-ligi Ewropea jigu protetti u li l-valuri komuni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mnizzla f'Artiklu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dak dwar is-saltna tad-dritt, jigu salvagwardjati;

Illi l-qrati f'Malta ghandhom rwol centrali fis-sistema ta' applikazzjoni tal-ligijiet tal-Unjoni Ewropea, mhux l-anqas minhabba d-doveri u l-awtorita taghhom biex jaghtu decizjonijiet fl-ordni legali nazzjonali, inkluz l-obbligu partikolari li jitolbu preliminary ruling ai termini ta' Artiklu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewopea u jsegwi illi kwalunkwe dubju fuq il-konformita mal-garanzija ta' indipendenza tal-qrati Maltin huma tali li jipprekluduhom milli jaqdu dak ir-rwol;

Illi l-incertezzi rizultanti mis-sistema attwali ta' hatriet fil-gudikatura jista' jkollhom ukoll l-effett illi jimminaw il-funzjonament tal-kooperazzjoni gudizzjarja li fuqha jistrieh il-mekkanizmu ta' preliminary rulings ai termini ta' Artiklu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament dwar l-Unjoni Ewropea, li hija l-gebla tax-xewka tas-sistema gudizzjarja tal-Unjoni Eworpea, u li ghaliha hija essenzjali l-indipendenza tal-gudikatura, b'mod partikolari fil-kaz ta' dawk il-qrati li jistghu jigu mitluba sabiex jitolbu preliminary ruling minghand il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea;

Illi inoltre, is-sistema attwali tqajjem dubji li jimminaw ukoll il-fiducja reciproka bejn l-Istati Membri u l-qrati rispettivi taghhom, tant mehtiega ghall-principju ta' rikonoxximent reciproku li ghandu rwol centrali fil-funzjonament ta' diversi atti legali tal-Unjoni Ewropea dwar l-ispazju ta' liberta, sigurta u gustizzja;

Illi s-sistema ta' hatriet tal-gudikatura fil-Polonja hija attwalment suggett ta' proceduri ta' infrazzjoni (infringement proceedings) fil-kawza Kummissjoni v Polonja (ara kaz

C/619/18 Commission v Poland) quddiem il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea u jghoddu ghall-kaz odjern l-istess principji legali li jghoddu ghal dawk il-proceduri;

Illi ai termini tat-Tieni Paragrafu ta' Artiklu 267 tat-Trattat dwar il-Funjonzjonament tal-Unjoni Ewropea, din l-0norabbli Qorti tista' titlob preliminary ruling dwar din il-kwistjoni minghand il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea;

Illi minhabba n-natura serja u urgenti tal-kawza Kummissjoni v Polonja, il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea qeghda tisma' l-proceduri ta' infrazzjoni permezz ta' procedura accelerata u sahansitra ordnat ukoll mizuri fil-forma ta' interim measures li permezz taghhom ordnat lill-Gvern tal-Polonja sabiex jieqaf milli jkompli jimplimenta r-riforma tal-gudikatura u milli jkompli jaghmel hatriet godda fil-gudikatura f'dak il-pajjiz sakemm il-Qorti Ewropea taghti d-decizjoni finali taghha;

Illi dan kollu juri ghalfejn il-Gvern ghandu minnufih jiddezisti milli jkompli jahtar jew jinnomina membri godda fil-gudikatura Maltija u dan sakemm il-kliem u l-ispirtu tar-rapport tal-Kummissjoni Venezja f'dak li ghandu x'jaqsam mal-hatriet fil-gudikatura Maltija jkun gie implimentat effettivament bl-emendi Kostituzzjonali mehtiega u sakemm ukoll ma jigux osservati il-provvedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll illi l-istess sistema qed tikser il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi dan kollu premess, maghdud mad-dikjarazzjonijiet recentissimi (sallum stess) u pubblici tal-intimati li ser jibqghu ghaddejjin bil-hatriet u nomini ghall-Bank tal-Gudikatura Maltija, u dan anke fil-jiem li gejjin, iwassal lir-rikorrenti, li huma entita legali rikonoxxuta taht il-Ligi Maltija u cittadini lkoll ta' dan il-pajjiz li suppost ihaddan is-Saltna tad-Dritt effettiv, biex jintavolaw din il-kawza b'urgenza;

Illi fit-12 ta' April 2019 ir-rikorrenti pprezentaw protest gudizzjarju kontra l-intimati proprju fuq dan il-mertu li sallum baqa' mhux imwiegeb;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil din l-0norabbli Qorti joghgobha:
1) Tordna immedjatament lill-intimati jieqfu jinnominaw, pendenti din il-kawza, aktar Membri ghall-Bank tal-Gudikatura, sija bhala Magistrati u sija bhala Imhallfin;
2) Tiddikjara u tiddeciedi illi bis-sistema ezistenti ta' hatriet fil-gudikatura, Malta qed tikser l-obbligi taghha taht il-provedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
3) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-hatriet ghall-Bank tal-Gudikatura sija fil-Qorti tal-Magistrati kuf ukoll fil-Qrati Superjuri minghajr l-implimentazzjoni tar-Rakkomondazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja huma bi ksur l-Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4) Tiddikjara u tiddeciedi li kull nomina ghall-Bank tal-Gudikatura bis-sistema ezistenti u pendenti dawn il-proceduri f'din il-kawza hija abbuziva, illegali u nulla u bla effett;
5) Tordna fil-mertu lill-intimati ma jinnominawx aktar Magistati u Imhallfln jekk mhux skond ir-Rakkomondazzjonijiet tar-Rapport tal-Kummissjoni Venezja kif ukoll skont il-provvedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tatTrattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll illi l-istess sistema qed tikser il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kifukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju tal-Gimgha, 12 ta' April 2019

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxu l-inamissibilita tat-talba tar-rikorrenti stante illi t-talba tar-rikorrenti hija minghajr fundament guridiku kemm ghar-ragunijiet imfissra aktar l-isfel f'din ir-risposta kif ukoll ghax permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jippretendu illi jesperixxu azzjoni ta' infrazzjoni tad-Dritt Ewropew kontra Malta bhala Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja liema azzjoni tispetta biss lill-Kummissjoni Ewropeja u mhux lilhom;

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu n-nullita tar-rikors promotur stante li ma jikkontjenix it-twissija li jahseb ghaliha l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema twissija hija necessarja ad validate;

3. Illi in linea preliminari wkoll, il-mertu tal-ewwel talba fir-rikors promotur huwa ezawrit u dik it-talba ghandha tigi dikjarata bhala tali;

4. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti biex jipproponi l-azzjoni odjerna;

6. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors guramentat in risposta huwa irritwali u null kif redatt bhala azzjoni li thallat talbiet taht il-Kostituzzjoni u taht il-ligijiet tal-Unjoni Ewropeja u b'mod partikolari, in kwantu hija azzjoni dwar allegat ksur ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem huwa null billi ma huwiex konformi mar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura fil-Qorti;

7. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabilita tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u dan skont l-Artikolu 51 tal-istess Karta li jipprovdi illi:
"1. Id-dispozizzjonijiet ta' din il-Karta huma intizi ghall-istituzzjonijet ghall-korpi u ghall-agenzi tal-Unjoni fir-rispett tal-principju ta' sussidjarjeta u ghall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-ligi tal-Unjoni. Huma ghandhom ghaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-principji u jippromwovu l-

applikazzjoni taghhom, skont il-kompetenzi rispettivi taghhom u fir-rispetl tal-limiti tal-konpetenzi tal-Unjoni kif moghtija lilha fit-Trattati.
2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-ligi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgha jew kompitu gdid ghall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati." (Emfazi tal-esponenti)";

8. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante li l-azzjoni tar-rikorenti ma tikkoncernax id-determinazzjoni ta' obbligu jew dritt civili jew akkuza kriminali;

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, kemm minhabba l-fatt illi ma huwiex minnu illi l-Kostituzzjoni ta' Malta tmur kontra l-principji tal-Istat tad-Dritt kif ukoll ghar-ragunijiet segwenti:
(a) Illi l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi illi l-Istati Membri ghandhom jipprovdu r-rimedji mehtiega sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Illi certament li s-sistema legali nostrana toffri mekkanizmu ta' access effettiv ghall-Qrati indipendenti u imparzjali li jassiguraw rimedju effikaci fil-ligi procedurali. Illi fl-istess rikors promotur insibu li fl-ebda waqt ma qieghed jigi allegat li xi gudikant huwa karenti mill-garanziji oggettivi u suggettivi tal-imparzjalita u l-indipendenza izda l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma allegazzjonijiet in abstracto li jippuntaw ghas-sistema tal-hatra tal-gudikanti;
(b) Illi l-Opinjoni tal-Kummissjoni Venezja tas-17 ta' Dicembru 2018 tikkontjeni rakkomandazzjonijiet lill-Istat Malti fost l-ohrajn dwar il-hatriet tal-membri tal-gudikatura izda certament li tali rakkomandazzjonijiet huma dak li huma u cioe 'rakkomandazzjonijiet' fil-kuntest ta' 'Opinjoni' ma joholqu l-ebda vinkolu fuq l-Istat li ghalih tkun tirreferi l-Opinjoni. Tant hu hekk li l-istess Opinjoni taghmilha cara li dawn huma rakkomandazzjonijiet li bihom fil-fehma tal-Kummissjoni Venezja is-sistema ta' hatra ta' gudikanti tista' tittejjeb. Dan ma jfissirx li l-Istat Malti ma jistghax jadotta sistemi ohra li jharsu wkoll l-principji tas-saltna tad-dritt. Illi fl-Opinjoni tal-Kummissjoni Venezja stess insibu li fil-fehma taghha bl-introduzzjoni tal-iskrutinju mill-Judicial Appointments Committee, l-Istat Malti adotta, bis-sahha tal-emendi kostituzzjonali tal-2016 li gew approvati bil-voti kollha tal-membri tal-Kamra tad-Deputati, sistema tajba izda bhal kull sistema din dejem tista' tittejjeb. Madanakollu dan ma jfissirx li is-sistema tal-hatra tal-gudikatura hija mtappna jew li l-membri tal-gudikatura ma joffrux il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita. Il-Kummissjoni Venezja imkien ma qalet hekk.';
(c) Illi l-istess rikorrenti mhumiex qeghdin jallegaw li xi membru tal-gudikatura huwa mhuwiex munit bl-indipendenza u l-imparzjalita, liema indipendenza u imparzjalita hija prezunta f'kull gudikant, izda dak li qieghed jintalab fir-rikors promotur huwa li dina l-Onorabbli Qorti trendi enforzabbli dak li huwa rakkomandazzjoni. Illi certament li dak li qieghed jintalab minn dina l-Onorabbli Qorti jezorbita mill-funzjoni gudizzjarja peress li r-rikorrenti jridu li l-Qorti tinbidel f'legislatur. Huwa car illi l-process ta' implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' korp bhal ma hija l-Kummissjoni Venezja jispetta li jitmexxa mill-Gvern tramite l-process politiku u mhux mill-organi gudizzjarji tal-Istat;
(d) Illi l-kawza ta' infrazzjoni migiuba mill-Kummissjoni Ewropeja kontra l-Polonja (Kawza C-619/18), li ghaliha ssir riferenza fir-rikors promotur ma ghandha x'taqsam

xejn mal-hatriet tal-gudikanti izda titratta l-eta' tal-irtirar tal-gudikanti fil-Polonja liema eta' ta' irtirar tbaxxiet. Illi dina l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk ma hemm l-ebda pronunzjament fuq xi infrazzjoni. Illi l-fatt li l-President tal-Qorti hareg digriet sabiex il-kawza ta' infrazzjoni tkun trattata b'mod accellerat bl-ebda mod ma jfisser li l-Qorti tal-Gustizzja pronunzjat ruhha fuq il-mertu tal-azzjoni. Minn analizi ta' dan id-digriet, jidher li dak li ghamlet il-Qorti tal-Gustizzja kien biss li kwotat l-argumenti legali li kienu invokati mill-Kummissjoni Ewropea fl-applikazzjoni taghha. Madanakollu b'daqshekk ma jfissirx li l-President tal-Qorti b'xi mod iddikjara li kien qieghed jilqa' l-argumenti tal-Kummissjoni Ewropea;
(e) Illi l-anqas ma huwa rilevanti ghall-kawza odjerna l-fatt li il-Qorti Ewropea ordnat interim measures kontra il-Gvern tal-Polonja permezz ta' digriet separat, stante illi dan ma jimpingi xejn fuq id-decizjoni finali tal-Qorti dwar il-mertu; illi il-Qorti Ewropea fid-digriet taghha ikkunsidrat illi:
"Hemm lok li jigi rrilevat, fl-ewwel lok, li l-motivi invokati mill-Kummissjoni jqajmu l-kwistjoni dwar il-portata pretiza tad-dispozizzjonijiet tat-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta fil-kuntest tal-ezercizzju, minn Stat Membru, tal-kompetenza tieghu ta' organizzazzjoni tas-sistema gudizzjarja tieghu. Din hija kwistjoni guridika kumplessa, li qieghda tigi diskussa bejn il-partijiet u li s-soluzzjoni ghaliha ma hijiex ovvja u ghalhekk timmerita evalwazzjoni fil-fond, li ma jistax titwettaq mill-Imhallef ghal mizuri provvizorji.
Fit-tieni lok, minghajr decizoni f'dan l-istadju dwar il-fondatezza tal-argumenti invokati mill-partijiet fil-kuntest tar-rikors ghal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li taqa' eskluzivament taht il-gurisdizzioni tal-qorti li tiddeciedi dwar il-mertu, ghandu jigi ikkonstatat li, fid-dawl tal-punti ta' fatt imressqa mill-Kummissjoni kif ukoll tal-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja … l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest motivi, ma jidhrux, prima facie, infondati …" (Emfazi tal-esponenti)." (Digriet tal-Qorti tal-Gustizzja tas-17 ta' Dicembru 2018 fil-Kawza C-619/18, paragrafi 39, 40). Illi ghalhekk anke fuq dan il-punt del resto irrilevanti ghal din il-kawza, ir-rikorrenti ma humiex edotti mill-fatti u qed jaghmlu dikjarazzjoniiiet bla bazi.
(f) Illi r-rikorrenti jaqghu fl-assurdita meta jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-hatriet li saru bis-sistema ezistenti huma nulli u sabiex twaqqaf milli jinhatru aktar gudikanti. Illi dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti huwa li jipparalizzaw il-Qrati u certament li dan mhumiex fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u tar-rispett ghall-istat tad-dritt;
(g) Illi l-esponenti qed jirrispingu kull allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' ligijiet kif ukoll kull allegazzjoni ta' vjolazzjoni naxxenti minn allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq u dan stante li l-membri tal-gudikatura huma muniti bl-indipendenza u l-imparzjalita in konformita mad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, tal-Kostituzzjoni u tal-Karta.

10. Salv eccezzjonijiet ultejuri jekk ikun il-kaz;

11. Bl-Ispejjez.

Rat l-atti, in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti jissottomettu li din hi kawza ta' invokazjoni ta' drittijiet sanciti mit-Trattat tal-Unjoni Ewropea, ic-Charter tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea ghal allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, tat-Trattat tal-Unjoni, ic-Charter tad-Drittijiet tal-Unjoni u l-istess Kostituzzjoni ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti il-fatt li xpruna din l-azzjoni mat-talbiet inkluz dawk ta' 'interim measures' maghmula wkoll b'rikors separat huma l-hatra f'April 2019 ta' tlett avukati ghal Bank tal-Magistratura u l-elevazzjoni ta' tlett Magistrati ghal Bank tal-Imhallfin. Ir-rikorrenti jsostnu li dawn il-hatriet saru nonostante r-rapport Venezia mhejji mill-Kummissjoni li taghti pariri lil Kunsill tal-Ewropea fuq kwistjonijiet Kostituzzjonali li irravizat li s-sistema ta' hatra kif inhi prezentement 'falls short of ensuring judicial independence'.

Il-Qorti tqis illi kawza ma issirx biex jigi enuncjat principju fl-astratt imma jrid jkollha fundament f'lezjoni ta' xi jedd jew dritt ta' liema xorta ikun li l-Qorti hija mitluba tindirizza u tadrizza skont il-ligi. Fil-gurisprudenza taghna wiehed jista' jiftah kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva. F'dan il-kaz il-Qorti ma tqis li dan hu l-kaz. Harsa lejn kif inhu redatt l-att promotur jaghti indikazzjoni cara illi bazikament dak li qed jintalab hu illi s-sistema adoperata llum tal-mod kif qed jigu appuntati membri tal-gudikatura bil-ligi vigenti senjatament l-artikolu 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni huma lesivi tad-dritt tal-bniedem a bazi tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni. Qed jigi allegat ukoll illi l-immsemmija artikoli huma lesivi tal-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni liema artikolu qed jigi abbinat mal-artikolu 19(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-istess Unjoni. Ir-rikorrenti jaghmluha cara li l-invokazzjoni tal-artikolu tat-Trattat u c-Charter mhux isiru ghax qed tintalab xi decizjoni fuq infrazzjoni tat-Trattat skont l-artikolu 258 tat-TFEU billi dan id-dritt jispetta lil Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti Ewropea, izda ghaliex dawn il-principji huma s-sisien tad-dritt Ewropew li l-Istat ghandu jsegwi skrupolozament meta jigi biex jappunta individwi ghal gudikatura.

Meta thares lejn l-azzjoni kif imposta, allura l-Qorti tqis li din hi kawza b'zewgt irjus cioe wahda ta' lezjoni ta' dritt fondamentali tal-bniedem cioe access ghal Qorti indipendenti a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ohra ta' lezjoni tal-istess Kostituzzjoni, l-artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni abbinati mat-Trattat (artikolu 19(1) u c-Charter (artikolu 47). L-att promotur innifsu ma jispecifikax in-natura ezatta tal-kawza ghalkemm saret b'rikors guramentat.

Waqt it-trattazzjoni l-Qorti stabbiliet mill-kjarifika mitluba mid-difensuri tar-rikorrenti illi l-azzjoni saret a bazi tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, cioe azzjoni popolari fejn qed jigu attakkati bhala invalidi l-artikoli 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni b'referenza ghall lezjoni tal-artikoli citati fil-paragrafu precedent (ara fol. 187 u 188 tat-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti).

**L-ewwel eccezzjoni preliminari**

L-intimati jsostnu li t-talba hi inammissibli ghax ma hemmx fondament guridiku peress illi essenzjalment ir-rikorrenti qed jesperixxu azzjoni ta' infrazzjoni tad-dritt Ewropew kontra l-Istat Malti li jispetta biss lil Kummissjoni Ewropea.

Il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li din il-kawza ma fihix fondament guridiku. Kif intqal precedentement il-Qorti tqis li din hi kawza fejn qed jintalab lil Qorti tqis li hemm allegat lezjoni ta' dritt fondamentali ghax is-sistema tal-appuntament ta' membri tal-gudikatura hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, f'dik li hi l-independenza tal-gudikatura, kif ukoll allegazzjoni ta' ksur tal-Kostituzzjoni fl-artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni abbinat mal-artikolu 19 tat-Trattat u l-artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijiet. Dak li qed jigi attakkat qua ligi huma l-artikoli 96, 96A u 101 billi qed jinghad li s-sistema kif jigu appuntati membri tal-gudikatura b'diskrezzjoni kwazi assoluta tal-Prim Ministru f'dawn il-hatriet hi lesiva ta' dawn id-drittijiet. Il-locus standi tar-rikorrenti jemani mill-impostazzjoni tal-kawza skont l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni kif sottomess u iccarat mid-difensuri tar-rikorrenti.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-tieni eccezzjoni preliminari**

L-intimati jsostnu illi l-azzjoni hi nulla ghax r-rikorrenti ma osservawx id-dettami tal-artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 li jghid:

> (1) Ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih -
> (d) f'kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:
> "Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skont il-ligi.
> Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza.".

L-intimati jsostnu li l-azzjoni rikorrenti mhix cara u billi ma hemmx indikat li din hi azzjoni Kostituzzjonali (fejn la jittiehed il-gurament kontra dak li jirrizulta f'dan il-kaz, u anqas lista ta' xhieda), r-rikorrenti kellhom isegwu d-dettami tal-ligi f'dik li hi t-twissija li hi kondizzjoni tassativa u li hi nieqsa mill-att promotur.

Ir-rikorrenti huma kawti fir-risposta ghal din l-eccezzjoni. Huma jinsistu li la darba l-Qorti tat-digriet dwar iz-zmien ghat-twegiba u din saret, ma hemmx kwistjoni ohra x'tigi kunsidrata u in ogni kaz kwistjoni ta' din il-gravita ma tistax tigi intralcjata fuq kwistjoni simili.

Il-Qorti gia esprimiet ruhha aktar il-fuq dwar in-natura tal-azzjoni u tqis li qed tigi mibnija fuq allegazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem u ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni (artikolu 1 u 65 abbinat mat-Trattat u c-Charter). Fil-fehma tal-Qorti la darba din hi azzjoni impostata fuq l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni kif isostnu l-istess rikorrenti l-Qorti tqis li kellhom jigu applikati d-dettami tal-artikolu 156(4) billi fin-natura taghha din hi kawza li taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili Ordinarji. In-nullita tal-azzjoni trid tigi ravvizata a bazi tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 u ebda wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-istess artikolu ma huma rilevanti ghal dan il-kaz biex jigi dikjarat in-nullita tal-azzjoni. Fi kwalunkwe kaz l-istess artikolu jqis li ma hemmx lok ghal nullita f'kull kaz iehor meta ebda pregudizzju ma gie rekat lil kontroparti. F'dan il-kaz in-nuqqas tat-twissija ma gabet ebda pregudizzju billi l-intimati irrispondew ghal lanjanzi u ghamlu s-sottomissjonijet kollha biex jirrespingu l-

pretensjonijiet tar-rikorrenti (ara **Diane Vella et vs Medserv Operations Limited**, PA 31/10/2008).

Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-tielet eccezzjoni preliminari**

L-intimati jsostnu li l-ewwel talba attrici hi ezawrita bid-digriet taghha tal-25 ta' April 2019 fejn cahdet rikors tar-rikorrenti biex ma jsirux il-hatriet li kellhom isiru dahinhar.

Il-Qorti ma taqbilx ma din l-eccezzjoni. It-talba tar-rikorrenti tmur lil hinn mill-hatriet li sehhew fil-25 ta' April 2109 ghalkemm kienet l-intenzjoni taghhom li dawk il-hatriet ma jsirux anqas. Meta l-Qorti ippermettiet li jsiru c-cerimonji tal-hatriet ma fissritx b'daqshekk li hi kienet qed tapprovahom jew tippregudika l-ewwel talba attrici imma f'dak l-istadju bikri tal-proceduri u fejn il-hatriet saru f'perjodu ta' ftit sieghat mill-prezentata tal-kawza, il-Qorti ma kinitx konvinta li t-tkomplija tal-procedura tal-hatriet kienet ser <u>tikkreja pregudizzju irrimedjabbli</u> (sottolinear tal-Qorti). Dan il-kliem fisser li jekk il-Qorti meta tqis il-mertu tal-azzjoni, jekk issib li l-eccezzjonijiet preliminari ma ghandhomx fondament, tirraviza ksur, ir-rimedju hu wiehed wiesa tenut kont in-natura tal-azzjoni, u r-rimedji disponibbli f'tali kaz. Pero tali konsegwenzi jafuhom il-partijiet u kulhadd irid jerfa' r-responsabilta ghal azzjonijiet tieghu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ir-raba' eccezzjoni preliminari**

Din l-eccezzjoni tqis in-nuqqas ta' locus standi tal-Ministru tal-Gustizzja. L-intimati jsostnu li japplika l-artikolu 181B tal-Kap. 12 fejn hu l-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-kwistjoni li jirraprezenta l-Gvern. Fil-kaz odjern il-hatra tal-membri tal-gudikatura skont l-artikolu 96 u 101 tal-Kostituzzjoni issir mill-President tar-Repubblika skont il-parir tal-Prim Ministru. Ghalhekk il-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ma ghandux locus standi. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni billi hu l-Ministru tal-Gustizzja responsabbli minn dak id-dekasteru li hu responsabbli ghal Qrati tal-Gustizzja u hu verosimili li hu f'pozizzjoni ta' influenza biex jaghti l-pariri lil Prim Ministru fuq il-hatriet disponibbli u l-persuni eligibbli. Hu minnu li fl-ahhar mill-

ahhar, l-ahhar kelma hi tal-Prim Ministru imma kif qalet il-Qorti fil-kaz Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et (PA Kost 27/09/2012), il-legittimi kontraditturi jinkludi kemm dawk direttament u indirettament li jridu jirrispondu ghal ghemil li jikser id-dritt fondamentali ta' persuna u dawk li jridu jaghmlu tajjeb billi jipprovdu rimedju xieraq ghal nuqqasijiet u ghemejjel ta' haddiehor li jikser dak id-dritt fondamentali. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-Ministru responsabbli mill-Gustizzja mhuwiex estraneju ghal dawn il-proceduri li jolqtu lil Ministeru tieghu marbut ukoll mal-prerogattiva tal-Prim Miinistru li jappunta l-Magistrati u Imhallfin ghal bank tal-gudikatura.

**Is-sitt eccezzjoni preliminari**

L-intimati jsostnu li r-rikors promotur hu irritwali ghax hemm konfuzjoni ta' talbiet taht il-Kostituzzjoni, il-ligijet tal-Unjoni Ewropea u allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali. Huma jghidu li in kwantu l-azzjoni hi bazata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem, hi nulla ghax mhix konformi mar-regoli dwar il-prattika u procedura civili, peress li resqu kawza civili izda dahlu talbiet ta' natura Kostituzzjonali.

L-intimati ma irrispondewx b'mod car ghal din l-eccezzjoni. Din il-Qorti gia esprimiet il-fehma li din hi actio popolaris kontenenti allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem skont l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kif ukoll ksur tal-istess Kostituzzjoni fl-artikoli 1 u 65 u artikoli tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u c-Charter tad-Drittijiet tal-istess Unjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ma hix ser tintlaqa'. Dak li jrid jigi deciz hu kemm u kif japplikaw l-imsemmija ligijiet ghall-azzjoni kif maghmula taht il-kappa ta' azzjoni popolari. Wara kollox sta ghar-rikorrenti li jaghzlu l-mod kif iressqu kawza u t-talbiet maghmula u hi l-Qorti li ghandha l-obbligu li tqis l-azzjoni fil-parametri migjuba quddiemha.

**Il-hames, is-seba' u t-tmien eccezzjonijiet preliminari**

L-intimati jsostnu fil-hames eccezzjoni taghhom li r-rikorrenti ma ghandhomx interess guridiku jippromuovu din l-azzjoni. Izidu fis-seba' u t-tmien eccezzjoni illi c-Charter

tad-Drittiijiet tal-Bniedem mhux applikabbli ghal kaz in ezami kif mhux applikabbli l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Huma jghidu hekk:

Illi essenzjalment dak li qed jaghmlu r-rikorrenti huwa li jikkontestaw is-sistema ta' hatriet fil-gudikatura u dan minkejja li r-rikorrenti ma jorbtu tali kontestazjzoni mal-ebda gudikant partikolari. Dan qieghed jinghad stante li r-rikorrenti mhumiex qeghdin jghidu fl-azzjoni taghhom li xi hatra fil-gudikatura irrekatilhom xi pregudizzju stante li l-kawza taghhom giet assenjata lil xi gudikant li mhuwiex munit b'indipendenza u b'imparzjalita jew li mhuwiex ser jaghtihom rimedju effettiv. L-azzjoni odjerna hija wahda ta' ezercizzju politiku u forsi akkademiku fejn huwa evidenti anke mad-daqqa ta' ghajn li r-rikorrenti ma ghandhomx dak l-interess attwali u personali fl-azzjoni istitwita minnhom liema interess guridiku certament li ma kienx sodisfatt fil-mument tal-intavolar tal-azzjoni odjerna.

Illi jsegwi ghalhekk illi b'dan il-proceduri ma jista' jinkiseb l-ebda rizultat guridiku vantaggjuz jew utili ghar-rikorrenti u dan stante li minn imkien ma gie pruvat mir-rikorrenti li hemm gudikanti li qeghdin jisimghu l-kawzi taghhom ma joffrux l-afidament necessarju tal-imparzjalita u l-indipendenza u li huma karenti mill-garanziji ta' smigh xieraq. Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija karenti mill-interess li huwa necessarju sabiex titkompla. Illi l-Qrati nostrani dejjem irritenew illi 'il-mizura tal-istess interess hija determinata u cirkoskritta mit-termini tac-citazzjoni, mill-obbjett tad-domanda ('petitum') u mill-motivi indikati fic-citazzjoni ('causa petendi')' (Kollez Vol XLV PI Pg 58).

Illi l-artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jitratta l-kamp ta' applikazzjoni u testwalment dan l-artikolu, jipprovdi illi:
1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intizi ghall-istituzzjonijiet, ghall-korpi u ghall-agenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-principju ta' sussidjarjeta u ghall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-ligi tal-Unjoni. Huma ghandhom ghaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-principjji u jippromwovu l-applikazzjoni taghhom, skont il-kompetenzi rispettivi taghhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif moghtija lilha fit-Trattati.
2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-ligi tal-Unjoni lil hinn mill-kmompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgha jew komptitu gdid ghall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi definiti fit-Trattati.

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li dan l-artikolu konvenzjonali huwa applikabbli sabiex jiddetermina "criminal charge" jew "civil right or obligation". Illi l-mekkanizmi ta' hatra ta' gudikanti ma jinvolvu l-ebda ezami ai fini ta' determinazzjoni ta' htija tal-persuna jew xi dritt jew obbligu civili u ghalhekk dawn il-mekkanizmi ma jaqghux fl-ambitu ta' determinazzjoni ta' akkuza kriminali jew ta' drittijiet civili ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi l-istess jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ir-rikorrenti invece jsostnu li l-interess guridiku li jridu juru mhux dak li hu tradizjonalment rikjest f'kawzi civili izda li potenzjalment fil-futur jimpattaw persuna fit-

tgawdija tad-dritt tal-bniedem li jirrendi dik il-persuna bhala vittma b'locus standi f'kawza tad-drittijiet tal-bniedem minghajr ma juri li kien jew hu 'personally, directly and negatively affected by it'. L-ezistenza ta' ligi fil-qafas legislativ taghti dritt lil kull persuna potenzjalment affettwat minnha biex jghid li hu vittma.

Il-Qorti tqis li l-kwistjoni trid tigi maqsuma biex jigu ezaminati t-talbiet tar-rikorrenti mat-tip ta' kawza promossa, u kif l-interess guridiku jista' japplika skont it-tip ta' lezjoni li qed tigi allegata.

Ir-rikorrenti josostnu li din hi azzjoni popolari maghmula a bazi tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-artikolu jghid hekk:

> Dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida ghal xi ragunijiet hlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni u persuna li ggib azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess persunali b'appogg ghall-azzjoni taghha.

Jibda biex jinghad li l-asoscjazzjoni hi entita guridika stabbilita mill-ligi. La darba sostniet li din hi azzjoni popolari msejsa fuq l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni allura ma tistax tinvoka l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni bhala lment ghax eskluzi mill-istess natura tal-azzjoni u ghalhekk kull referenza ghal talba dwar xi lezjoni tal-artikolu 39 ma tistax titqies mill-Qorti.

In kwantu ghall-applikabilita tal-azzjoni kif imsejsa fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-Qorti tqis li dan l-artikolu japplika fil-kuntest ta' determinazzjoni ta' dritt jew obbligazzjoni civili jew akkuza kriminali da parti tal-persuna li qed tinvoka tali artikolu u jrid jigi ezaminat fil-kuntest tal-Kapitolu 319 li hu t-traspozizzjoni tal-Konvenzjoni ghal ligijiet ta' Malta safejn applikabbli.

Skont il-Practial Gude on Admissibility Criteria ghal Konvenzjoni (updated 2018) li din il-Qorti tqis li ghandha taghmel referenza ghaliha ghall-ahjar interpretazzjoni u applikazzjoni tal-artikolu korrispettiv tal-Kap. 319 biex wiehed ikun jista' javvali ruhu mill-artikoli tal-Konvenzjoni jrid ikun konformi ma' dak li jrid l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni cioe persuna eligibbli li tista' titqies li ghandha d-dritt ghal protezzjoni moghtija u li tali persuna hu vittma ta' tali vjolazzjoni ta' dritt. In kwantu l-eligibilita tal-

associjazzjoni, l-istess artikolu 34 isemmi fost l-ohrajn organizzazzjonijet mhux governattivi, bhal ma hi l-assocjazzjoni rikorrenti. In kwantu ghal prova li l-assocjazzjoni titqies bhala vittma, dan irid jittiehed fil-kuntest ta' dak mitlub. In principju azzjoni popolari mhix ammessa kif mhix ammessa fil-Kostituzzjoni Maltija skont l-artikolu 116. Dan ghalhiex il-gwida tqis li l-artikolu 34 ma jistax jigi applikat 'in abstracto' u li applikant irid jipprovdi provi ragonevoli u konvincenti li x'aktarx ser ikun hemm vjolazzjoni li ser taffettwah personalment. Il-Qorti issib illi l-azzjoni popolari mressqa mill-assocjazzjoni rikorrenti ma resqitx tali prova necessarja f'dan il-kuntest tal-proceduri. Dak li qed jigi allegat hu li s-sistema tal-hatra tal-gudikanti kif ilha ezistenti mill-Indipendenza lil hawn b'diskrezzjoni ampja tal-Prim Ministru fuq tali hatriet x'aktarx tista' tilledi d-dritt ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti fid-determinazzjoni ta' xi dritt civili jew dak relatat ma' akkuza kriminali b'rabta mas-sistema kif qed jigu appuntati membri tal-gudikatura. Pero din hi biss sottomissjoni ipotetika fl-isfond tal-ispirtu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319. Huma biss f'sitwazzjonijiet pjuttost ristretti fejn ir-rekwizit ta' vittma gie estiz ghal persuni mhux direttament miulquta izda x'aktarx ser jigu milquta fil-gurisprudenza ta' Strasburgu (ara **Klass and Other vs Germany** u **Soering vs UK** jew **Dudgeon vs UK**). Il-kaz quddiem il-Qorti, fil-fehma tal-Qorti ma jistax jitqies fl-istess keffa ghax ma hemmx dak in-ness fattwali mehtieg bejn dak li qed jigi sottomess qua sistema ta' hatra fil-gudikatura ma' xi biza li l-assocjazzjoni ghandha li qed jinkiser jew x'aktarx ser jinkiser id-dritt taghha ta' smigh minn Qorti indipendenti fl-ambitu ta' xi determinazzjoni ta' xi dritt civili taghha jew offiza ta' natura kriminali.

Il-kawza pero ghandha faccata ohra cioe li l-istess Kostituzzjoni qed tigi vjolata a bazi tal-artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni abbinat mal-artikolu 19(1) tat-Trattat u 47 tal-Karta tad-Drittijiet. Testwalment dawn l-artikoli jghid hekk:

> **1.(1)** Malta hija repubblika demokratika bbazata fuq ix-xoghol u fuq ir-rispett ghad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu.
>
> **65.(1)** Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jaghmel ligijiet ghall-paci, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett shih ghad-drittijiet tal-bniedem, il-principji generalment accettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u regjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adezjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003.

(2) Bla hsara ghall-generalità tas-subartikolu (1) u suggetti ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5) ta' dan l-artikolu, il-Parlament jista' b'ligi jistabbilixxi l-privileggi, immunitajiet u setghat tal-Kamra tad-Deputati u l-membri taghha.
(3) Ma jistghu jittiehdu ebda proceduri civili jew kriminali kontra xi membru tal-Kamra tad-Deputati ghal kliem li jkunu ntqalu quddiem, jew miktuba f'rapport lil, il-Kamra jew kumitat taghha jew minhabba xi kwistjoni jew haga migjuba hemm minnu b'petizzjoni, abbozz, rizoluzzjoni, mozzjoni jew xort'ohra.
(4) Matul kull sessjoni l-membri tal-Kamra tad-Deputati ghandhom igawdu libertà minn arrest ghal kull dejn civili hlief dejn li l-eghmil tieghu jikkostitwixxi reat kriminali.
(5) Ebda procediment mahrug minn xi qorti fl-ezercizzju civili taghha ma ghandu jigi notifikat jew esegwit gewwa r-recinti tal-Kamra tad-Deputati waqt li l-Kamra tkun f'seduta jew permezz tal-iSpeaker, l-Iskrivan jew xi ufficjal tal-Kamra.

**19(1)** The Court of Justice of the European Union shall include the Court of Justice, the General Court and specialised courts. It shall ensure that in the interpretation and application of the Treaties the law is observed.
Member States shall provide remedies sufficient to ensure effective legal protection in the fields covered by Union law.

**47** Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.
Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law. Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented.
Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective access to justice.

Il-Qorti tirreleva illi a bazi tal-artikolu 116 gia citat ir-rikorrenti qed iressqu azzjoni ghal invalidita ta' ligi. Huma qed isostnu fit-trattazzjoni tal-kawza illi l-artikoli 96, 96A u 101 mhux qed isegwu dak li jistipula l-istess artikolu 65(1) meta dan jirreferi ghal obbligi internazzjonali specjalment dawk assunti bit-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti qed jallegaw li l-artikolu 19 u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet qed jigu ivvjolati. L-intimati jsostnu li r-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-artikolu 47 tal-Karta peress li skont l-artikolu 51 tal-Karta dan l-artikolu japplika biss meta l-ilment jirrigwarda t-thaddim ta' ligi tal-Unjoni (ara **Raymond Caruana vs Avukat Generali**, 25/10/2013) mentri hawn si tratta ta' thaddim ta' artikolu tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ghax ir-rikorrenti qed jabbinaw dan l-artikolu mal-artikolu 19 tat-Trattat tal-Unjoni. Jekk l-artikolu tat-Trattat u l-Karta jikkostitwux ligi tal-Unjoni u sa fejn huma

applikabbli ghal kaz in ezami trid tigi ezaminata fil-mertu tal-azzjoni pero ma tistax tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tqis illi l-intimati ma semmew xejn qua eccezzjoni preliminari rigward l-ammissibilita tal-azzjoni a bazi tal-artikolu 19 tat-Trattat u kwindi l-Qorti ser tezamina fil-mertu l-applikabilita ta' dan l-artikolu flimkien mal-artikolu 47 tal-Karta ghall-azzjoni kif impostata mir-rikorrenti, tenut in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Ghalkemm jissemma fir-rikors promotur l-aritkolu 1(1) tal-Kostutuzzjoni li jaghmel dikjarazzjoni ta' principji bhala bazi tal-fondament tar-Repubblika, din il-Qorti ma tqis li dan l-artikolu hu fih innifsu mertu ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet jew vjolazzjoni ghalih fih innifsu anzi dan hu principju fondatur tar-Repubblika u ghandu jitqies fl-isfond tal-ligijiet kollha li jsiru b'rispett lejn il-principji imsemmija.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu r-rikorrenti konformi ma' dak deciz ma ghandhomx l-interess necessarju biex iressqu din l-azzjoni a bazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti skont l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ma tippermettix talbiet dwar allegat lezjoni ta' drittijiet fondamentali kif imressqa fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, u tichad l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra kollha. Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur